

31991L0689

31.12.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 377/20

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tat-12 ta' Diċembru 1991
fuq skart perikoluż

(91/689/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 130s tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 78/319/KEE ta' l-20 ta' Marzu 1978 fuq skart tossiku u perikoluż ⁽⁴⁾ stabbiliet regoli Komunitarji dwar ir-rimi ta' skart perikoluż; billi biex tiġi uttilizzata l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva mill-Istati Membri, huwa meħtieġ li jkunu emendati r-regoli u li tinbidel id-Direttiva 78/319/KEE b'din id-Direttiva;

Billi r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1990 fuq il-politika dwar l-iskart ⁽⁵⁾ u l-programm ta' azzjoni tal-Komunitajiet Ewropej fuq l-Ambjent, li kienet is-suġġett tar-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej u tar-rappreżentanti tal-Gvern ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill, tad-19 ta' Ottubru 1987 fuq il-kontinwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika tal-Komunità Ewropea u programm ta' azzjoni fuq l-ambjent (1987 sa l-1992) ⁽⁶⁾, jikkonsidraw miżuri tal-Komunità biex jitjiebu l-kundizzjonijiet li taħtom wieħed jiddisponi minn u jimmaniġġja skart perikoluż;

Billi r-regoli ġenerali li japplikaw għall-immaneġġjar ta' l-iskart li huma stabbiliti bid-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju 1975 fuq l-iskart ⁽⁷⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 91/156/KEE ⁽⁸⁾, japplikaw ukoll għall-immaneġġjar ta' skart perikoluż;

Billi l-immaneġġjar korett ta' skart perikoluż jinħtieġ regoli addizzjonali aktar stretti biex titqies in-natura speċjali ta' skart bħal dan;

Billi huwa meħtieġ, biex titjeb l-effiċjenza ta' l-immaneġġjar ta' l-iskart perikoluż fil-Komunità, li tintuża definizzjoni preċiża u uniformi ta' skart perikoluż ibbażata fuq l-esperjenza;

Billi huwa meħtieġ li jkun assigurat li r-rimi u l-ġbir mill-ġdid ta' skart perikoluż ikun immonitorjat bl-aħjar manjiera possibbli;

Billi għandu jkun possibbli li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jkunu adattati malajr għall-progress xjentifiku u tekniku; billi l-Kumitat imwaqqaf bid-Direttiva 75/442/KEE għandu wkoll ikollu s-setgħa li jadatta d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal progress simili,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Il-għan ta' din id-Direttiva, magħmula skond l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 75/442/KEE, huwa li jqarreb il-liġijiet fl-Istati Membri fuq l-immaneġġjar ikkontrollat ta' skart perikoluż.

2. Bla ħsara għal din id-Direttiva, id-Direttiva 75/442/KEE għandha tgħodd għal skart perikoluż.

3. Id-definizzjoni ta' "skart" u ta' termini oħra użati f'din id-Direttiva għandhom ikunu dawk fid-Direttiva 75/442/KEE.

4. Għall-iskop ta' din id-Direttiva "skart perikoluż" tfisser:

— skart li jidher fl-ista li għandha ssir skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 75/442/KEE fuq il-bażi ta' l-Annessi I u II ta' din id-Direttiva, mhux aktar tard minn sitt xhur qabel id-data ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Dan l-iskart irid ikollu waħda jew aktar mill-proprietajiet elenkati fl-Anness III. Il-lista għandha tagħti kas ta' l-oriġini u l-kompożizzjoni ta' l-iskart, u fejn meħtieġ, valuri limiti ta'

(1) ĠU C 295, tad-19.11.1988, p. 8, u ĠU C 42, tat-22.2.1990, p. 19.

(2) ĠU C 158, tas-26.6.1989, p. 238.

(3) ĠU C 56, tas-6.3.1989, p. 2.

(4) ĠU L 84, tal-31.3.1978, p. 43.

(5) ĠU C 122, tat-18.5.1990, p. 2.

(6) ĠU C 328, tas-7.12.1987, p. 1.

(7) ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 39.

(8) ĠU L 78, tas-26.3.1991, p. 32.

konċentrazzjoni. Din il-lista għandha minn żmien għal żmien tkun riveduta u jekk meħtieġ mill-istess proċedura,

- kull skart ieħor li huwa kkunsidrat minn Stat Membru li juri xi waħda mill-proprjetajiet elenkati fl-Anness III. Każi simili għandhom ikunu nnotifikati lill-Kummissjoni u riveduti skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 75/442/KEE bil-għan ta' adattament tal-lista.

5. L-iskart domestiku għandu jkun eżentat mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Il-Kunsill għandu jstabbilixxi, fuq proposta mill-Kummissjoni, regoli speċifiċi li jieħdu f'konsiderazzjoni n-natura partikolari ta' l-iskart domestiku mhux aktar tard mill-aħħar ta' l-1992.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirrikjedu li f'kull sit fejn isir rimi ta' skart perikoluż l-iskart ikun irre-kordjat u identifikat.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirrikjedu li stabbiliment u impriża li jarmu, jiġbru lura, jiġbru jew iġorru skart perikoluż ma jħalltux kategoriji differenti ta' skart perikoluż jew iħalltu skart perikoluż ma' skart mhux perikoluż.

3. Bħala deroga mill-paragrafu 2, it-taħlit ta' skart perikoluż ma' skart ieħor perikoluż jew ma' skart ieħor, sustanzi jew materjali jista' jkun permess biss fejn il-kondizzjonijiet imwaqqfa fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 75/442/KEE huma mħarsa u b'mod partikolari għall-iskop tat-titjib tas-sigurtà matul ir-rimi jew il-ġbir. Operazzjoni simili għandha tkun suġġetta għall-ħtieġa ta' permess impost fl-Artikoli 9, 10 u 11 tad-Direttiva 75/442/KEE.

4. Fejn skart huwa diġà mħallat ma' skart ieħor, sustanzi jew materjali, għandha ssir separazzjoni, fejn teknikament u ekonomikament ikun vijabbli, u fejn hu meħtieġ biex ikun imħarsa l-Artikolu 4 tad-Direttiva 75/442/KEE.

Artikolu 3

1. Id-deroga msemmija fl-Artikolu 11(1)(a) tad-Direttiva 75/442/KEE għall-ħtieġa ta' permess għal stabbiliment jew impriża li jiddisponu huma stess mill-iskart tagħhom m'għandhiex tapplika għal skart perikoluż kopert minn din id-Direttiva.

2. B'mod konformi ma' l-Artikolu 11(1)(b) tad-Direttiva 75/442/KEE, Stat Membru jista' ma jinsistix fuq l-Artikolu 10 ta' dik id-Direttiva għal stabbiliment jew impriża li jiġbru lura l-iskart kopert minn din id-Direttiva:

- jekk l-Istat Membru jadotta regoli ġenerali li jelenkaw it-tip u l-kwalità ta' l-iskart u jwaqqfu kondizzjonijiet speċifiċi (valuri ta' limiti tal-kontenut ta' sustanzi perikolużi fl-iskart, valuri limiti ta' emmissjonijiet, tip ta' attività) u ħtiġijiet oħra neċessarji biex jitwettqu forom differenti ta' ġbir lura, u.

- jekk it-tipi jew kwantitajiet ta' skart u metodi ta' ġbir huma tali li l-kondizzjonijiet imwaqqfa fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 75/442/KEE ikunu mħarsa

3. L-istabbilimenti jew l-impriżi rriferiti fil-paragrafu 2 għandhom ikunu rreġistrati ma' l-awtoritajiet kompetenti.

4. Jekk Stat Membru jkollu l-ħsieb li jagħmel użu mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2, ir-regoli msemmija f'dak il-paragrafu għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel ma jidħlu fis-seħħ. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri. Fid-dawl ta' dawn il-konsultazzjonijiet il-Kummissjoni għandha tipproponi li għandu jkun hemm qbil sħiħ fuq ir-regoli skond il-proċedura mwaqqfa fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 75/442/KEE.

Artikolu 4

1. L-Artikolu 13 tad-Direttiva 75/442/KEE għandu jgħodd ukoll għall-produtturi ta' skart perikoluż.

2. L-Artikolu 14 tad-Direttiva 75/442/KEE għandu jgħodd ukoll għall-produtturi ta' skart perikoluż u għall-istabbilimenti u l-impriżi kollha li jgħorru skart perikoluż.

3. Ir-rekords imsemmija fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 75/442/KEE għandhom jinżammu ta' l-anqas għal tliet snin minbarra fil-kas ta' stabbilimenti u impriżi li jgħorru skart perikoluż li għandhom iżommu r-rekords għal ta' l-anqas 12-il xahar. Xhieda bil-miktub li l-operazzjonijiet ta' immaneġġjar twettqu għandha tkun mogħtija fuq talba ta' l-awtoritajiet kompetenti jew ta' min kellu l-iskart qabel.

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jassiguraw li, waqt il-ġbir, trasport u ħżin temporanju, l-iskart ikun ippakkjat sewwa u llejbiljat skond l-istandards internazzjonali u Komunitarji fis-seħħ.

2. Fil-kas ta' skart perikoluż, spezzjonijiet li jirrigwardaw operazzjonijiet ta' ġbir u trasport magħmula fuq il-bażi ta' l-Artikolu 13 tad-Direttiva 75/442/KEE għandhom ikopru b'mod aktar partikolari l-orġini u d-destinazzjoni ta' tali skart.

3. Fejn skart perikoluż ikun trasferit, għandu jkollu miegħu formula ta' identifikazzjoni li jkun hemm fiha d-dettalji speċifikati fis-Sezzjoni A ta' l-Anness 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 84/631/KEE tas-6 ta' Diċembru 1984 fuq is-sorveljanza u l-kontroll ġewwa

l-Komunità Ewropea tal-ġarr bil-bastimenti fuq il-fruntieri ta' skart perikoluż ⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 86/279/KEE ⁽²⁾.

Artikolu 6

1. Kif hemm ipprovdut fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 75/442/KEE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifasslu, jew separatament jew fil-qafas tal-pjani ġenerali ta' l-immaneġġjar tagħhom, pjani għall-immaneġġjar ta' skart perikoluż u għandhom jagħmlu dawn il-pjani pubbliċi.

2. Il-Kummissjoni għandha tipparaguna dawn il-pjani, u b'mod partikolari l-metodi ta' rimi u ġbir mill-ġdid. Hija għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri li jirrikjeduha.

Artikolu 7

F'każi ta' emerġenza jew perikolu kbir, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa, inklużi, fejn xieraq derogi temporanji minn din id-Direttiva, biex jassiguraw li skart perikoluż ikun ittrattat b'tali mod li ma jikkostitwix theddida għall-popolazzjoni jew l-Ambjent. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar xi derogi simili.

Artikolu 8

1. Fil-kuntest tar-rapport li hemm ipprovdut fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 75/442/KEE, fuq il-bażi tal-kwestjonarju mfassal skond dak l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapport fuq it-tħaddim ta' din id-Direttiva.

2. Barra mir-rapport ikkonsolidat imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 75/442/KEE, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull tliet snin fuq it-tħaddim ta' din id-Direttiva.

3. Barra minn dan, sat-12 ta' Diċembru 1994, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja għal kull stabbilimnet jew impriża li twettaq rimi u/jew ġbir mill-ġdid ta' skart perikoluż prinċipalment f'isem terzi persuni u li x'aktarx jagħmlu parti min-network integrata msemmija fl-Artikolu tad-Direttiva 75/442/KEE:

- isem u indirizz,
- il-metodu użat biex jittrattaw l-iskart,
- it-tipi u l-kwantitajiet ta' skart li jista' jkun ittrattat.

Darba fis-sena, l-Istati Membri għandhom jinformat lill-Kummissjoni dwar xi tibdil f'din l-informazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli fuq talba lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri.

Il-format li fih din l-informazzjoni għandha tkun mogħtija lill-Kummissjoni għandu jkun miftiehem skond il-proċedura mwaqqfa fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 75/442/KEE.

Artikolu 9

L-emendi meħtieġa biex ikun adottat l-Anness ta' din id-Direttiva għall-progress xjentifiku u tekniku u biex tkun riveduta l-lista ta' l-iskart imsemmi fl-Artikolu 1(4) għandhom ikunu adottati skond il-proċedura mwaqqfa fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 74/442/KEE.

Artikolu 10

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex iħarsu din id-Direttiva qabel it-12 ta' Diċembru 1993. Huma għandhom jinformat minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkun hemm fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom referenza simili fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir referenza bħal din għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-kamp regolat minn din id-Direttiva.

Artikolu 11

Id-Direttiva 78/319/KEE hija hawnhekk imħassra b'effett mit-12 ta' Diċembru 1993.

Artikolu 12

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fit-12 ta' Diċembru 1991.

Għall-Kunsill

Il-President

J. G. M. ALDERS

⁽¹⁾ ĠU L 326, tat-13.12.1984, p. 31.

⁽²⁾ ĠU L 181, ta' l-4.7.1986, p. 13.

L-ANNEX I

KATEGORIJI JEW TIPI ĠENERIĊI TA' SKART PERIKOLUŻ ELENKAT SKOND IN-NATURA TIEGĦU JEW L-ATTIVITA LI ĠĠENERATU (*) (SKART JISTA JKUN F FORMA LIKWIDA, HAMA JEW SOLIDA)

(*) Ċerti duplikazzjonijiet ta' oġġetti mniżżla fl-Anness II huma bil-ħsieb;

L-ANNEX I. A.

Skart li juri xi waħda mill-proprjetajiet elenkati fl-Anness III u li jikkonsisti minn:

1. sustanzi anatomiċi; skart ta' l-isptar jew (skart) kliniku ieħor;
 2. farmaċewtiċi, mediċini u komponenti veterinarji;
 3. preservattivi ta' l-injam;
 4. bioċidi u sustanzi fito-farmaċewtiċi;
 5. fdal minn sustanzi użati bħala solventi;
 6. sustanzi organiċi alloġenati mhux użati bħala solventi esklużi materjali polimerizzati inerti;
 7. melħ tat-tempra li jkun fiħ is-cyanides;
 8. żjut minerali u sustanzi taż-żejt (e.g. ħama biż-żejt, eċċ)
 9. taħlit żejt/ilma, hydrocarbon/ilma, emulsions;
 10. sustanzi li jkun fihom PCBs u/jew PCTs (e.g. dielectrics eċċ.);
 11. materjali bil-qatran ġejjin minn raffineriji, distillazzjoni u kull trattament pirolitiku (e.g. il-qigħan tal-lampik, eċċ);
 12. inka, kuluri, koloranti, żebgħa, laker, verniċ;
 13. reżina, latex, plasticizers, glues/adhesives;
 14. sustanzi kimiċi ġejjin minn riċerka jew żvilupp jew attivitajiet ta' tagħlim li mhumiex identifikati u/jew huma ġodda u li l-effetti tagħhom fuq il-bniedem u/jew l-ambjent mhumiex magħrufa (e.g. fdalijiet tal-laboratorju, eċċ.);
 15. pirotekniċi u materjali oħra splussivi;
 16. kimiċi tal-fotografija u materjali ta' ipproċessar;
 17. kull materjal ikkontaminat b'xi materjal simili għall-polychlorinated dibenzo-furan;
 18. kull materjal ikkontaminat b'xi materjal simili għall-polychlorinated dibenzo-p-dioxin.
-

L-ANNEX I. B.

Skart li jkun fih xi wieħed mill-kostitwenti elenkati fl-Anness II u li jkollu xi waħda mill-proprietajiet elenkati fl-Anness III u jikkonsisti f:

19. sapon ġej mill-annimali jew ħxejjex, xaħmijiet, xemgħa;
20. sustanzi organiċi non-halogenated mhux użati bħala solventi;
21. sustanzi mhux organiċi mingħajr metall jew komponenti ta' metall;
22. irmied u/jew ġamar;
23. ħamrija, ramel, tafal inkluż dak li jinġabar mat-tħammil;
24. melħ tat-tempra non-cyanidic;
25. trab tal-metall, terra;
26. materjal katalist maħruq;
27. likwidi jew ħama li jkun fihom metalli jew komponenti ta' metall;
28. fdal minn operazzjonijiet ta' kontroll ta' tniġġis (e.g. baghouse dusts, eċċ.) minbarra (29), (30) u (33);
29. ħama mill-iskrabber;
30. ħama minn impjanti tal-purifikazzjoni ta' l-ilma;
31. fdal minn dekarbonizzazzjoni;
32. fdal ta' ion-exchange column;
33. ħama tad-dranaġġ, mhux ittrattat u mhux tajjeb għall-użu fl-agrikoltura;
34. fdal mit-tindif ta' tankijiet u/jew apparat;
35. apparat imniġġes;
36. kontenituri mniġġsa (e.g. imballaġġ, ċilindri tal-gass, eċċ.) li l-kontenut tagħhom kien jinkludi wieħed jew iżjed mill-kostitwenti elenkati fl-Anness II;
37. batteriji u ċelluli oħra ta' l-elettriku;
38. żjut veġetali;
39. materjali li jirriżultaw minn ġbir selettiv ta' skart tad-djar u li juri xi wieħed mill-karatteristiċi elenkati fl-Anness III;
40. kull skart ieħor li jkun fih xi wieħed mill-kostitwenti elenkati fl-Anness II u xi wieħed mill-proprietajiet elenkati fl-Anness III.

L-ANNEX II

**KOSTITWENTI TA' L-ISKART FL-ANNEX I. B. LI JIRRENDUH PERIKOLUŻ META JKOLLHOM
IL-PROPJETAJIET DESKRITTI FL-ANNEX III (*)**

Skart li jkollu bħala kostitwenti:

- C1 beryllium; komponenti ta' beryllium;
- C2 komponenti ta' vanadium;
- C3 komponenti ta' kromju (VI);
- C4 komponenti ta' cobalt;
- C5 komponenti ta' nikil;
- C6 komponenti ta' ramm;
- C7 komponenti ta' żingu;
- C8 arseniku; komponenti ta' arseniku;
- C9 selenium; komponenti ta' selenium;
- C10 komponenti ta' fidda;
- C11 cadmium; komponenti ta' cadmium;
- C12 komponenti ta' landa;
- C13 antimonju; komponenti ta' antimonju;
- C14 tellurium; komponenti ta' tellurium;
- C15 komponenti ta' barium; minbarra s-sulfat tal-barium;
- C16 merkurju; komponenti tal-merkurju;
- C17 thallium; komponenti ta' thallium;
- C18 ċomb; komponenti ta' ċomb;
- C19 sulphides inorganiċi;
- C20 komponenti ta' fluorine inorganiċi, minbarra l-calcium fluoride;
- C21 cyanides inorganiċi;
- C22 il-metalli alkalini jew metalli ta' l-art alkalini li ġejjin: lithium, sodium, putassa, kalċju, magnesium f'forma mhix kombinata;
- C23 soluzzjonijiet ta' aċidi jew aċidi f'forma solida;
- C24 soluzzjonijiet ta' bażi jew bażijiet f'forma solida;
- C25 asbestos (trab u fiber);
- C26 fosfru: komponenti ta' fosfru, minbarra fosfati minerali;
- C27 carbonyls tal-metall;
- C28 perossidi;
- C29 chlorates;
- C30 perchlorates;
- C31 azides;
- C32 PCBs u/jew PCTs;
- C33 komponenti farmaċewtiċi jew veterinarji;
- C34 bioċidi u sustanzi fito-farmaċewtiċi (e.g. pestiċidi, eċċ.);
- C35 sustanzi infettivi;
- C36 creosotes;
- C37 isocyanates; thiocyanates;
- C38 cyanides organiċi (e.g. nitriles, eċċ.);
- C39 phenols; komponenti ta' phenol;
- C40 solventi alloġenati;
- C41 solventi organiċi, minbarra solventi alloġenati;
- C42 komponenti ta' organohalogen, minbarra materjali inert polymerized u sustanzi oħra msemmija f'dan l-Anness;
- C43 komponenti aromatiċi; komponenti organiċi poliċikliċi u heteroċikliċi;
- C44 amini alifatiċi;
- C45 amini aromatiċi;
- C46 eteri;
- C47 sustanzi ta' natura splussiva, minbarra dawk elenkati bandohra f' dan l-Anness;
- C48 komponenti tas-sulfat organiku;
- C49 kull materjal simili għall- polychlorinated dibenzo-furan;
- C50 kull materjal simili għall-polychlorinated dibenzo-p-dioxin;
- C51 idrokarburi u l-ossiġenu tagħhom; nitroġenu u/jew komponenti tas-sulfat li ma ġewx ikkunsidrati mod ieħor f'dan l-Anness.

(*) Ċerti duplikazzjonijiet ta' tipi ġeneriċi ta' skart perikoluż elenkati fl-Anness I huma intenzjonati.

L-Anness III

PROPRJETAJIET TA' L-ISKART LI JIRREDUH PERIKOLUŻ

- H1 “Splussiv”: sustanzi u preparazzjonijiet li jistgħu jispjodu taħt l-effett ta' fjamma jew li huma aktar sensitivi għal xokkijiet jew frizzjoni mid-dinitrobenzine.
- H2 “Oxidizing”: sustanzi u preparazzjonijiet li juru reazzjonijiet exotermiċi għoljin meta f'kuntatt ma' sustanzi oħra, b'mod partikolari sustanzi li jieħdu n-nar.
- H3-A “Jieħdu n-nar malajr”:
- sustanzi likwidi u preparazzjonijiet li għandhom flash point taħt il- 21°C (inklużi likwidi li jaqdbu ħafna), jew
 - sustanzi u preparazzjonijiet li jistgħu jisħnu u wara jieħdu n-nar f'kuntatt ma' l-arja f'temperatura ambjentali mingħajr l-applikazzjoni ta' enerġija, jew
 - sustanzi solidi u preparazzjonijiet li jistgħu faċilment jieħdu n-nar wara kuntatt qasir ma' sors ta' tqabbid ta' nar u li jkomplu jaqdbu jew jikkonsmaw wara t-tneħħija tas-sors tan-nar, jew
 - sustanzi u preparazzjonijiet ta' gass li jieħdu n-nar fl-arja fi pressjoni normali, jew
 - sustanzi u preparazzjonijiet, li f'kuntatt ma' l-ilma jew arja umda, jiżviluppaw gassijiet li jieħdu n-nar malajr fi kwantitajiet perikolużi.
- H3-B “Jieħdu n-nar”: sustanzi likwidi u preparazzjonijiet li għandhom flash point ugħwali għal jew ikbar minn 21 °C u anqas minn jew ugħwali għal 55 °C.
- H4 “Irritanti”: sustanzi u preparazzjonijiet li ma jitmerrux li, permezz ta' kuntatt immedjat, għat-tul jew ripetut mal-ġilda jew membrana bil-mucus, jistgħu jikkawżaw infjammazzjoni.
- H5 “li jagħmlu il-ħsara”: sustanzi u preparazzjonijiet li, jekk wieħed jiġbidhom man-nifs jew jiblagħhom jew jekk jinfd u l-ġilda, jistgħu jwasslu għal riskji limitati ta' saħħa.
- H6 “Tossiċi”: sustanzi jew preparazzjonijiet (inklużi sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi ħafna) li, jekk wieħed jeħodhom man-nifs jew jiblagħhom jew jekk jinfd u l-ġilda, jistgħu jikkawżaw riskji serji għas-saħħa, akuti jew kroniċi u wkoll mewt.
- H7 “Li jġibu l-kankru”: sustanzi u preparazzjonijiet li, jekk wieħed jeħodhom man-nifs jew jiblagħhom jew jekk jippenetraw il-ġilda, jistgħu jġibu l-kankru jew ikabbru l-inċidenza tiegħu.
- H8 “Korrożivi”: sustanzi u preparazzjonijiet li jistgħu jeqirdu tixxju ħaj meta jmissu miegħu.
- H9 “Infettuż”: sustanzi li jkun fihom mikro-organizi jew il-velenu tagħhom li huma magħrufa jew li nemmnu bis-sħiħ li jikkawżaw mard fil-bnieden u organiżmi ħajjin.
- H10 “Li jikkawżaw diformazzjonijiet koroh”: sustanzi jew preparazzjonijiet li, jekk wieħed jeħodhom man-nifs jew jiblagħhom jew jekk jippenetraw il-ġilda, jistgħu jwasslu għal malformazzjonijiet mit-twelid (konġenitali) mhux ereditariji jew ikabbru l-inċidenza tagħhom.
- H11 “Mutagenic”: sustanzi u preparazzjonijiet li, jekk wieħed jeħodhom man-nifs jew jiblagħhom jew jekk jinfd u l-ġilda, jistgħu jwasslu għal difetti ġenetiċi ereditariji jew ikabbru l-inċidenza tagħhom.
- H12 Sustanzi u preparazzjonijiet li jerħu gassijiet tossiċi jew tossiċi ħafna meta jiġu f'kuntatt ma' l-ilma, l-arja jew xi aċidu.
- H13 Sustanzi u preparazzjonijiet kapaċi bi kwalunkwe mezz, wara li jirtmew, joħorġu xi sustanza oħra, e.g. xi ċarċir, li jkun fih xi waħda mill-karatteristiċi elenkati hawn fuq.
- H14 “Ecotossiċi”: sustanzi u preparazzjonijiet li jippreżentaw jew jistgħu jippreżentaw riskji immedjati jew li jieħdu ż-żmien għal settur wieħed jew aktar ta' l-ambjent.

Noti

1. L-għoti tal-proprjetajiet perikolużi “tossiċi” (u “tossiċi ħafna”), “perikolużi”, “korrożivi”, u “irritanti” huwa magħmul fuq il-bażi ta' kriteji stabiliti bl-Anness VI, parti I A u parti II B, tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 ta' l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u tikkettjar ta' sustanzi perikolużi ⁽¹⁾, fil-verżjoni kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 79/831/KEE ⁽²⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 196, tas-16.8.1967, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 259, tal-15.10.1979, p. 10.

2. Fir-rigward ta' l-għoti tal-proprjetajiet "li jgħibu l-kankru", "li jikkaġunaw deformazzjonijiet koroh" u "mutagenic", u li jirriflettu l-għarfien l-aktar reċenti, kriterji addizzjonali jinsabu fil-Gwida għall-klassifikazzjoni u t-tikkettjar ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi ta' l-Anness VI (it-tieni parti D) tad-Direttiva 67/548/KEE fil-verżjoni kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 83/467/KEE ⁽¹⁾.

Metodi ta' testijiet

Il-metodi ta' testijiet iservu biex jingħata sinjifikat speċifiku lid-definizzjonijiet mogħtija fl-Anness III.

Il-metodi li għandhom jintużaw huma dawk deskritti fl-Anness V tad-Direttiva 67/548/KEE, fil-verżjoni kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 84/449/KEE ⁽²⁾, jew b'Direttivi tal-Kummissjoni sussegwenti li jadattaw id-Direttiva 67/548/KEE għall-progress tekniku. Dawn il-metodi huma huma stess ibbażati fuq ix-xogħol u r-rakkomandazzjonijiet ta' korpi kompetenti internazzjonali, b'mod partikolari l-OECD.

⁽¹⁾ ĠU L 257, tas-16.9.1983, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 251, tad-19.9.1984, p. 1.